12 ta' Novembru 2020
135/2020

**NIPPROMWOVU Ċ-ĊERTIFIKAT FIL-ĦARSIEN TAT-TFAL U Ż-ŻGĦAŻAGĦ OFFRUT MILL-UNIVERSITÀ**

IR-RAPPORT ANNWALI TAS-SAFEGUARDING COMMISSION

Fuq rakkomandazzjoni tas-Safeguarding Commission, il-Knisja imponiet restrizzjoni fuq erba' persuni fl-2018, u restrizzjoni fuq persuna oħra fl-2019. Dawn il-każijiet, fejn l-allegazzjoni ta' abbuż sesswali ġiet sostanzjata, kienu jinvolvu saċerdoti djoċesani, saċerdoti reliġjużi u lajċi. Kien hemm tliet restrizzjonijiet oħra dwar abbuż fiżiku u emozzjonali, u ta' prattika ħażina (poor practice). Andrew Azzopardi, il-Kap tas-Safeguarding Commission, spjega li dawn il-każijiet kollha ġew referuti lill-awtoritajiet ċivili.

Waqt li kien qed jippreżenta r-rapport annwali, Andrew Azzopardi spjega li l-Knisja hi proattiva billi tirrapporta l-każijiet lill-pulizija jew lis-servizzi soċjali sabiex tiżgura li l-allegazzjonijiet ta' abbuż jiġu investigati wkoll mill-awtorità ċivili kompetenti.

Andrew Azzopardi qal li fuq inizjattiva tas-Safeguarding Commission, f'Ottubru 2020 beda jiġi offrut ċertifikat ġdid fil-Ħarsien tat-Tfal u ż-Żgħażagħ mill-Università ta' Malta. Il-Kummissjoni ħadet din l-inizjattiva sabiex tkompli tibni kultura pożittiva ta' ħarsien u għarfien fis-soċjetà. Il-kors tal-Università qed jiġi offrut mill-Fakultà tat-Teoloġija u l-Fakultà tal-Benessri Soċjali b'kollaborazzjoni mas-Safeguarding Commission.

Minbarra din l-inizjattiva, is-Safeguarding Commission kompliet tħarreġ l-impjegati tal-Knisja. Matul l-2018 u l-2019 tħarrġu total ta' 966 għalliem, katekist, reliġjuż, seminarist u voluntier. Bħala parti mill-proċess mitlub bil-Liġi għall-għaqdiet li jaħdmu mal-minuri, il-Kummissjoni vverifikat li 4,451 persuna li jaħdmu fil-Knisja jissodisfaw il-kriterji mitluba biex jaħdmu mal-minuri.

F'dawn l-aħħar sentejn, il-Kummissjoni wettqet reviżjoni tal-policy tal-Knisja dwar is-safeguarding u tinsab fil-proċess li tippubblikaha fil-bidu tas-sena d-dieħla. Dan wara konsultazzjoni wiesgħa li saret mal-vittmi, mal-persuni li jużaw is-servizzi ta' diversi entitajiet tal-Knisja, u ma' aġenziji statutorji u stakeholders ewlenin: il-Kummissarju għas-Saħħa Mentali, id-Direttorat għat-Tfal, il-Korp tal-Pulizija, l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal, u l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali.

**Fl-2018**, is-Safeguarding Commission irċeviet 19-il allegazzjoni ġdida li jinvolvu **minuri** u 10 li jinvolvu **adulti vulnerabbli**.

Il-Kummissjoni kkonkludiet 17-il evalwazzjoni li jinvolvu l-minuri. Minn dawn l-ilmenti, sitta ġew sostanzjati, wieħed kien jitratta kwistjoni ta' prattika ħażina, erbgħa kienu infondati, tnejn ma kinux sostanzjati, wieħed kien jinvolvi persuna li mhix impjegata tal-Knisja, u tlieta ġew referuti lil terzi persuni minħabba li ma kinux relatati ma' safeguarding.

Il-Kummissjoni kkonkludiet li mill-10 evalwazzjonijiet li saru ta' adulti vulnerabbli, sebgħa minnhom ġew referuti għal terzi persuni peress li ma kinux kwistjoni ta' safeguarding, wieħed ma kienx sostanzjat, wieħed kien infondat u l-ieħor kien kwistjoni ta' prattika ħażina.

**Fl-2019**, daħlu 16-il allegazzjoni li jinvolvu **minuri** u tmienja li jinvolvu **adulti vulnerabbli**.

Il-Kummissjoni kkonkludiet tmien evalwazzjonijiet li jinvolvu minuri, fejn sabet li tnejn minnhom kienu sostanzjati, tnejn ma kinux sostanzjati u wieħed fejn il-persuna ma kinitx impjegata tal-Knisja. Ilment ieħor kien jinvolvi xi ħadd li kien miet u f'żewġ ilmenti oħra ma setgħetx tiġi identifikata l-persuna minħabba nuqqas ta' informazzjoni.

Il-Kummissjoni kkonkludiet tliet evalwazzjonijiet li jinvolvu adulti vulnerabbli, fejn tnejn minnhom ma ġewx sostanzjati u wieħed kien infondat.

Andrew Azzopardi tenna s-sejħa għat-twaqqif ta' awtorità ċentralizzata biex taqsam tagħrif dwar persuni li jistgħu jkunu ta' riskju għat-tfal u adulti vulnerabbli bejn l-għaqdiet. Spjega li mill-esperjenza tal-Knisja matul dawn l-aħħar snin, l-uniku mod kif verament tista' tgħin u tagħti vuċi lil vittmi ta' abbuż hu billi tiffaċċja din il-pjaga b'mod trasparenti.